2024/2634

4.10.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2634

tad-29 ta' Lulju 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kenja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 2019 li jimplimenta klawżoli ta' salvagwardja bilaterali u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'ċerti ftehimiet kummerċjali konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/287 jistabbilixxi dispożizzjoni għall-implimentazzjoni ta' klawżoli ta' salvagwardja bilaterali u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'ċerti ftehimiet kummerċjali konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiż terz wieħed jew aktar. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/287 ma jaffettwaw l-ebda dispożizzjoni speċifika li tinsab f'dawk il-ftehimiet kummerċjali, meta tali dispożizzjonijiet ma jkunux konformi ma' dak ir-Regolament. Tali dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu f'ċerti ftehimiet kummerċjali huma elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287.

(2) L-Unjoni Ewropea u l-Kenja kkonkludew Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ([2]) li fih ċerti dispożizzjonijiet dwar salvagwardji bilaterali li mhumiex f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/287. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament jiżdied mat-test fl-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 53, 22.2.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/287/oj.
([2]) ĠU L, 2024/1648, 1.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/1648/oj.

ANNESS

Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra

Data tal-Applikazzjoni	1.7.2024
Klawżoli ta' salvagwardja bilaterali u/jew mekkaniżmi oħra	Titolu VI Miżuri għad-Difiża tal-Kummerċ
Dispożizzjoni(jiet) li tinsab/jinsabu f'dan il-Ftehim	Artikolu 50.1 "1. Wara li tkun eżaminat soluzzjonijiet alternattivi, Parti tista' tapplika miżuri ta' salvagwardja għal perjodu limitat b'deroga mill-Artikoli 10 u 11, skont il-kundizzjonijiet u f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu." Artikolu 50.2 "2. Il-miżuri ta' salvagwardja msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jittieħdu meta prodott li joriġina minn Parti waħda jkun qed jiġi importat fit-territorju tal-Parti l-oħra f'dawk il-kwantitajiet miżjuda u skont dawk il-kundizzjonijiet li joħolqu jew jheddu li joħolqu: (a) ħsara serja lill-industrija domestika li tipproduċi l-istess prodotti jew prodotti direttament kompetittivi fit-territorju tal-Parti importatriċi; (b) disturbi f'settur tal-ekonomija, b'mod partikolari meta dawk id-disturbi joħolqu problemi soċjali kbar, jew diffikultajiet li jistgħu jġibu magħhom deterjorament serju fil-qagħda ekonomika tal-Parti importatriċi; jew (c) tfixkil fis-swieq ta' prodotti agrikoli simili jew direttament kompetittivi (*)jew fil-mekkaniżmi li jirregolaw dawk is-swieq. _____ (*) Għall-fini ta' dan l-Artikolu, prodotti agrikoli huma dawk koperti mill-Anness I tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura." Artikolu 50.3(b) u (c) "3. Il-miżuri ta' salvagwardja msemmija f'dan l-Artikolu m'għandhomx ikunu iktar minn dak li huwa meħtieġ biex jirrimedjaw jew jipprevjenu ħsara serja jew tfixkil, kif iddefinit fil-paragrafi 2 u 5(b). Il-miżuri ta' salvagwardja tal-Parti importatriċi jistgħu biss jikkonsistu f'waħda jew aktar minn dawn li ġejjin: (b) żieda fid-dazju doganali fuq il-prodott ikkonċernat sa livell li ma jaqbiżx id-dazju doganali applikat lil membri oħra tad-WTO; kif ukoll (c) l-introduzzjoni ta' kwoti tariffarji fuq il-prodott ikkonċernat." Artikolu 50.4 "4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 3, meta kull prodott li joriġina mill-Istat(i) bi Sħab tal-EAC jkun qed jiġi importat f'tali kwantitajiet miżjuda u skont tali kundizzjonijiet li joħloq jew jhedded li joħloq waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 lil reġjun ultraperiferiku wieħed jew aktar tal-UE, l-UE tista' tieħu miżuri ta' sorveljanza jew salvagwardja b'mod limitat għar-reġjun jew reġjuni konċernati skont il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafi 6 sa 9."

	Artikolu 50.5 "5. (a) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 3, meta kwalunkwe prodott li joriġina mill-UE jkun qed jiġi importat f'tali kwantitajiet tant miżjuda u skont tali kundizzjonijiet li joħloq jew jhedded li joħloq waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 lill-Istat(i) bi Sħab tal-EAC, l-Istat(i) bi Sħab tal-EAC jistgħu jieħdu miżuri ta' sorveljanza jew salvagwardja b'mod limitat għat-territorju tagħhom f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-paragrafi 6 sa 9. (b) L-Istat(i) bi Sħab tal-EAC jistgħu jieħdu miżuri ta' salvagwardja, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-paragrafi 6 sa 9, meta prodott li joriġina mill-UE bħala riżultat tat-tnaqqis ta' dazji jkun qed jiġi importat fit-territorju tagħhom f'tali kwantitajiet tant miżjuda u skont tali kondizzjonijiet li joħloq jew jhedded li joħloq xkiel lil industrija li tkun għadha kif twieldet li tipproduċi prodotti simili jew direttament kompetittivi. Tali dispożizzjoni hija applikabbli biss għal perjodu ta' għaxar (10) snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-Kunsill tal-FSE jista' jtawwal dan il-perjodu sa massimu ta' ħames (5) snin." Artikolu 50.6 "6. (a) Il-miżuri ta' salvagwardja msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jinżammu biss għal dak iż-żmien li jkun meħtieġ biex ma jitħallewx iseħħu ħsara jew disturbi serji jew biex dawn jiġu rrimedjati kif definit fil-paragrafi 2, 4 u 5. (b) Il-miżuri ta' salvagwardja msemmija f'dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu applikati għal perjodu li jeċċedi s-sentejn (2). Meta jkomplu jeżistu ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja, tali miżuri jistgħu jiġu estiżi għal perjodu ulterjuri ta' mhux iktar minn sentejn (2). Meta l-Istat(i) bi Sħab tal-EAC japplikaw miżura ta' salvagwardja, jew meta l-UE tapplika miżura ta' salvagwardja b'mod limitat għat-territorju ta' reġjun l-aktar imbiegħed wieħed jew aktar tagħha, tali miżura tista', madankollu, tkun applikata għal perjodu ta' mhux aktar minn erba' (4) snin u, meta ċ-ċirkustanzi li jeħtieġu l-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja jibqgħu jeżistu, dik il-miżura tista' tkun estiża għal perjodu ulterjuri ta' erba' (4) snin. (c) Il-miżuri ta' salvagwardja msemmija f'dan l-Artikolu li jaqbżu s-sena (1) għandhom jinkludu elementi ċari li progressivament iwasslu għall-eliminazzjoni tagħhom l-aktar tard sat-tmiem tal-perjodu ffissat. (d) Ma għandhomx ikunu applikati l-miżuri ta' salvagwardja msemmija f'dan l-Artikolu għall-importazzjoni ta' prodott li qabel kienet soġġetta għal miżura bħal din għal perjodu ta' mhux anqas minn sena (1) mill-iskadenza tal-miżura." Artikolu 50.7 "7. Għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 6, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin: (a) meta Parti tkun tal-fehma li teżisti waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fil-paragrafi 2, 4 jew 5, għandha mill-ewwel tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja għal eżami; (b) il-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja jista' jagħmel kull rakkomandazzjoni meħtieġa biex jissewwew iċ-ċirkustanzi li jkunu seħħew; jekk ma tkun saret ebda rakkomandazzjoni mill-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja bil-għan li jitrangaw iċ-ċirkustanzi, jew ma tkun instabet ebda soluzzjoni sodisfaċenti fi żmien tletin (30) jum minn meta l-kwistjoni tkun inġiebet quddiem il-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja, il-Parti importatriċi tkun tista' tadotta l-miżuri xierqa biex tirrangaġ iċ-ċirkustanzi skont dan l-Artikolu;

	(c) qabel ma jieħdu kull miżura msemmija f'dan l-Artikolu jew, fil-każijiet li għalihom japplika l-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, kemm jista' jkun malajr, l-Istat(i) bi Sħab tal-EAC għandhom jagħtu lill-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għal eżami bir-reqqa tas-sitwazzjoni, bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet konċernati; (d) fl-għażla tal-miżuri ta' salvagwardja skont dan l-Artikolu, trid tingħata prijorità lil dawk li l-inqas ifixklu t-tħaddim ta' dan il-Ftehim; (e) kull miżura ta' salvagwardja meħuda skont dan l-Artikolu għandha tkun innotifikata minnufih bil-miktub lill-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja u għandha tkun is-suġġett ta' konsultazzjonijiet perjodiċi fi ħdan dak il-korp, partikolarment bil-ħsieb li tkun stabbilita skeda ta' żmien għat-tneħħija tagħha malli ċ-ċirkostanzi jkunu jippermettu dan." Artikolu 50.8 "8. Meta ċirkostanzi eċċezzjonali jeħtieġu azzjoni minnufih, il-Parti importatriċi kkonċernata tista' tieħu l-miżuri pprovduti fil-paragrafi 3, 4 jew 5 fuq bażi proviżorja mingħajr ma tkun konformi mar-rekwiżiti tal-paragrafu 7. Tali azzjoni tista' tittieħed għal perjodu massimu ta' mija u tmenin (180) jum meta l-miżuri jittieħdu mill-UE u ta' mitejn (200) jum meta l-miżuri jittieħdu mill-Istat(i) bi Sħab tal-EAC, jew meta l-miżuri meħuda mill-UE jkunu limitati għat-territorju ta' reġjun ultraperiferiku wieħed jew aktar minn tagħha. Id-dewmien ta' kull miżura proviżorja bħal din għandu jingħadd bħala parti mill-perjodu inizjali u ta' kull estensjoni msemmija fil-paragrafu 6. Fit-teħid ta' tali miżuri proviżorji, għandu jitqies l-interess tal-Partijiet kollha, inkluż il-livell tagħhom ta' żvilupp. Il-Parti importatriċi kkonċernata għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra kkonċernata u għandha minnufih tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja għal eżami." Artikolu 50.9 "9. Jekk Parti importatriċi tissoġġetta l-importazzjonijiet ta' prodott għal proċedura amministrattiva li jkollha bħala għan tagħha l-provvista rapida ta' informazzjoni skont ix-xejra ta' flussi fil-kummerċ li jistgħu joħolqu l-problemi msemmijin f'dan l-Artikolu, għandha tgħarraf lill-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja mingħajr dewmien." Artikolu 50.10 "10. Il-Ftehim tad-WTO ma għandux ikun invokat biex Parti tinżamm milli tadotta miżuri ta' salvagwardja f'konformità ma' dan l-Artikolu."